KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sittax (16)***

***Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju, 2025***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 16 li inżammet fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIER STEVEN AXISA

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**16.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Tressqet ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Steven Axisa fejn talab li jkun skużat minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsill qabel li jkun skużat.

**16.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

16.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 15 li nżammet nhar il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2025

16.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 15 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

16.2.3 **Mozzjoni Numru 16-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 15

Proponent: Il-Kunsilliera Christine Dalli
Sekondant: Il-Vici Sindki Brian Xuereb

Il-Minuti Numru 15 ġew approvati unanimament.

**16.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 16(09) – Ġunju 2025***

16.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 16(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11939 sa 11989 kif ukoll cheque bin-numri 7266 li jammontaw €36,228.29

16.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

16.3.3 **Mozzjoni 16-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 16(09)

Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

L-iskeda ta' pagamenti numru 16(09) ġiet approvata unanimament.

**16.4 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-sena Jannar – Marzu 2025**

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda b'mod virtwali l-Accountant tal-Kunsill*

16.4.1 L-Accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri li hemm imniżżla fir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-sena Jannar – Marzu 2025.

16.4.2 Ir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena Jannar -Marzu 2025 tqassam minn qabel u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri.

16.4.3 L-Accountant tal-Kunsill informa li f'dan il-perjodu il-Kunsill irreġistra surplus ta' Euro 8,992

16.4.4 **Mozzjoni 16.3:** Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena Jannar – Marzu 2025 flimkien mar-risposta għal Management Letter.
Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsilliera Christine Dalli
Ir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena Jannar – Marzu 2025 ġie approvat unanimament.

**16.5 Traffic Management**

*Din il-materja ġiet diskussa fis-7:30*

16.5.1 Is-Sindku Karl Boxall informa li ġew approvati permessi ta' trenching fiż-żona ta' Triq it-Tumbarellu, Triq tal-Qattus u Triq il-Gibjun u Triq ta' Loretu. Dawn se jsiru f'fażijiet fejn l-ewwel xogħlijiet se jinbdew fi Triq San Gorg, it-tieni fażi hija Triq il-Qattus, it-tielet fażi hija Triq Tumbarellu u fiha se jkun hemm trinka li għandha ssir fil-ġenb biex l-aċċess mit-triq jitħalla kemm jista' jkun fil-maġġoranza tal-ħinijiet u l-aħħar fażi fi Triq ta' Loretu, Triq ir-Raħħal u Triq il-Ġibjun. Dawn ix-xogħlijiet se jkunu qed joħolqu inkonvenjenza lir-residenti tal-inħawi u għaldaqstant dan irid jiġi kkunsidrat fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar Traffic Management fiż-żona.

16.5.2 Tressqet pjanta bi proposta għal Traffic Management Plan sħiħ fiż-żona ta' Triq Tumbarellu għal Housing Estate kollu. Il-Kunsill qabel li din il-pjanta għandha tiġi mgħoddija l-Perit tal-Kunsill biex tiġi analizzata u konfermata mingħand il-Perit u l-Kunsill qabel unanimanent li għalissa mhux ideali li tiġi implimentata.

16.5.3 Rigward it-talba lil Ministru Bonnett il-Kunsill qabel li għandu jressaq it-talba li s'issa hemm pendenti biex Triq il-Qattus u Triq il-Bwar jiġu 'one way'. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

16.5.4 Il-Pjanta tat-traffic management taż-żona tal-iskola li kien għamel il-Perit tal-Kunsill reġgħet ġiet diskussa minħabba s-sitwazzjoni ta' Triq il-Gudja fejn din fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola jingħalaq l-aċċess għal vetturi. Dan se jkun qed joħloq kunfużjoni fl-akwati li tajjeb li tinġibed l-attenzjoni tal-perit biex tinstab

alternattiva. Il-Kunsillier Stephen Attard ippropona li nitolbu lil Perit jidentifika l-possibilita' li t-traffiku jdur fid-direzzjoni opposta minn dak indikat fl-ewwel pjanta.

16.5.5 Fit-talba lill-Ministru, il-Kunsill qabel li jitlob dan li ġej:
i) Crash Barriers fi Triq San Filippu / Triq il-Belt Valletta / Triq Dun Guzepp Demicoli / Triq il-Gistakor
ii) Rigward is-sitwazzjoni ta' sewqan veloċi fis-service road f'Dawret Ħal Għaxaq, l-aħjar li nitolbu l-Ministru sabiex issir diskussjoni.
iii) Traffic Management fiż-żona ta' fejn l-iskola fi Triq il-Gudja u Triq San Filippu

16.5.6 Il-Kunsill qabel li jitlob laqgħa mal-Ministru Chris Bonnett sabiex niddiskutu dawn l-ilmenti.

## 16.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

16.6.1 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill dwar it-tkomplija tax-xogħlijiet bl-asphalt fit-toroq:
- Nhar it-Tnejn se jkun qed jingħata it-tarmak fi Triq il-Ġebellin u Vjal il-Labour
- Triq it-Terha se jkun hemm bżonn li terġa' tinqala' minħabba xi servizzi tal-ilma
- Se jingħata t-tarmak fit-toroq li ġew mgħoddija l-cables tad-dawl
  Phase 1: Dawret Ħal Għaxaq ma Triq San Filippu
  Phase 2: Tal-Millieri
  Phase 3: Triq Gistakor sa Triq iż-Żejtun

16.6.2 Is-Sindku Karl Boxall tkellem fuq il-korrispondenzi li saru u ġew mgħoddija lill-Kunsilliera kollha dwar il-pagament tal-Avukat tal-Każini. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-pagament ġie mħallas mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp u ntbagħtet proof of payment. Is-Sindku Karl Boxall qal li l-Kunsill se jibqa' jżomm il-pożizzjoni tiegħu li huwa kontra b'mod assolut l-bini tal-fabbrika tan-Nar iżda rigward il-pagament tal-avukati, dan għandu jiġi diskuss f'iktar dettal f'laqgħa mal-Għaqdiet konċernati li se ssir fit-23 ta' Ġunju fis-6:30 fil-binja tal-Kunsill.

16.6.3 Is-Sindku Karl Boxall qal li qed tinġabar petizzjoni fuq il-Monument tal-Familja u li din qed issir f'isem is-sindku u informa lill-Kunsill li inġibdet l-attenzjoni sabiex tieqaf b'mod immedjatament.

16.6.4 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar l-email li l-Kunsill irċieva mingħand l-Avukata ta' resident li joqgħod dwar is-siġra li hemm fuq iz-zuntier. Sakemm se jibqa'ma jiġix ir-rapport li juri l-ħsarat strutturali, il-Kunsill żgur mhux se jieħu l-ebda azzjoni. Il-Kunsill qabel li peress li ntalbet laqgħa mal-Kunsill, din se ssir nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2025 filgħodu.

16.6.5 Is-Sindku Karl Boxall qal li wassallu rapport ukoll li xi nies qed iċemplu lil- LESA u jirrapurtaw f'isem is-Sindku sabiex xi ħadd jiġi mħarrek. Is-Sindku qal li jekk isir jaf min, se jkun qed jieħu passi ulterjuri skond kif tippermetti l-liġi.

*F’dan l-istadju tal-Laqgħa l-Kunsilliera Naomi Mizzi talbet li tkun skużata (fit-7:45pm)*

## 16.7 Korrispondenza

16.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza mingħand ir-Reġjun dwar il-pjan tal-Kunsill tagħna fir-rigward tal-ġbir ta’ skart. Waqt diskussjoni dwar dan is-suġġett kien hemm diversi opinjonijiet fosthom:

i) Min kellu l-opinjoni li l-iskart jinġabar filgħaxija ssuġerixxa li jinġabar bejn it-8pm u l-10pm sabiex ma jinħoloqx inkonvenjent ta’ storbju tard matul il-lejl.
ii) Tqajjem il-punt li jekk l-iskart jinħareġ filgħaxija, u jibda jinħareġ qabel se jkun ta inkonvenjent fuq il-bankini għal kull min jużahom apparti li jagħmlu dehra mhux daqshekk sabiha u nuqqas ta' indafa
iii) L-ilmenti li jistgħu jidħlu fuq skart se jiġu indirizzati l-għada minħabba li f'dawk il-ħinijiet tal-ġbir l-uffiċini se jkunu magħluqin. U l-għada tkun se tinġabar borża kulur differenti.
iv) Il-ħoss tat-trakk tal-ġbir jista' jdejjaq lir-residenti filwaqt li waqt il-ġbir, se jkun hemm diversi vetturi pparkjati li jistgħu jagħmluha aktar diffiċli għat-trakk tal-ġbir sabiex jgħaddi mit-toroq kollha.
v) Min filgħaxija jaħdem ħinijiet twal se jkollu joħroġ l-iskart minn ħafna qabel li dan se joħloq inkonvenjent.

Dawn il-punti se jiġu mgħoddija lir-Reġjun biex meta jinħoloq il-pjan, dawn il-punti jiġu indirizzati.

16.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Evaluation Report tat-tender GHLC/T/02/2025: Purchase of a fully electric, zero emission, nine seater van bl-offerta mitfugħa hija dik ta’ €53,000 mingħajr VAT. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li xtaq l-vann li l-Kunsill jixtri, fih ikun jista’ joqgħod wheelchair. Is-Sindku Karl Boxall qal li hemm l-probabilita’ li din tista’ ssir għaldaqstant issuġerixxa li nagħmlu meeting mal-bidder li tefa’ l-offerta u niddiskutu miegħu dan is-suġġeriment. Is-Sindku Karl Boxall ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill, ir-Rapport tal-Evalwazzjoni, u l-Kunsill qabel unanimament mal-offerta mitfugħa.

## 16.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera

16.8.1 Il-Vici Sindku Brian Xuereb ppropona li l-Bus shelter tal-Bypass li hemm kantuniera ma Triq it-Tumbarellu jiġi rtirat lura. Is-Sindku qal li dan ma jistax isir u għalhekk se jkunu qed jibdew joperaw il-cameras sabiex ħadd ma jipparkja b’mod illegali u jostakola l-viżjoni tas-sewwieqa. Iċ-ċitazzjonijiet se jkunu qed jinħarġu biss fuq parkeġġ illegali.

16.8.2 Il-Vici Sindku Brian Xuereb issuġġerixxa li nitolbu t-TM sabiex jagħmlu sinjali ma’ l-art li jindikaw li wieħed jista’ jaqsam il-Bypass.

**16.9 <u>Mozzjonijiet</u>**

16.9.1 Annessi mal-Minuti

**16.10 <u>Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

16.10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 24 ta' Lulju 2025 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 16**

**Mozzjoni Ref:** 16-01

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 15

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli**<br>**Proponent** | **Brian Xuereb**<br>**Sekondant** |

**Data:** 19 ta' Ġunju 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 16**

**Mozzjoni Ref:** 16-02

**Mozzjoni:** Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 16

**Brian Xuereb**
**Proponent**

**Naomi Mizzi**
**Sekondant**

---

**Data:** 19 ta' Ġunju 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 16**

**Mozzjoni Ref:** 16-03

**Mozzjoni:** Biex jiġi approvat ir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena Jannar-Marzu 2025

**Brian Xuereb**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

---

**Data:** 19 ta’ Ġunju 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**